TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**Mary Azzopardi u Carmel Azzopardi**

**vs**

**Montebello Artworks Ltd (C 5329)**

CCT 25/23/CC

Illum 19 ta' Novembru 2024

It-Tribunal;

Ra t-Talba tar-rikorrentiipprezentata fl-14 ta' Frar 2023, fejn talbu hlas ta' l-ammont ta' €900 (disa' mitt ewro) rapprezentanti spejjez rimedjali sabiex ritratt li twahhal fuq l-irhama ta' qabar jerga jitwahhal mar-ritratti l-ohra fuq qoxra li trid tinhadem gdida, u titwahhal fuq il-*headstone*.

Ra li s-socjeta intimata debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ma pprezentatx risposta, u ghalhekk giet dikjarata fi stat ta' kontumacja.

Ra li tramite rikors datat 1 ta' Awissu 2023 is-socjeta intimata talbet lit-Tribunal jissana l-istat ta' kontumacja u tigi awtorizzata tipprezenta risposta ghat-talba avvanzata f'dawn il-proceduri.

Ra li permezz ta' digriet datat 12 ta' Settembru 2023 Il-istat ta' kontumacja tas-socjeta intimata gie ssanat, u sussegwentement giet ipprezentata risposta.

Ra li fir-risposta tas-socjeta intimata preliminarjament, giet eccepita eccezzjoni ta' natura preliminari, senjatament:

> *Illi r-rikorrenti ma ghandux locus standi u ghaldaqstant ma ghandux interess guridiku f'din il-procedura. Dan ghaliex, fit-talba tieghu, r-rikorrenti (hu d-defunt) imkien ma jindika precizament x'inhi r-rabta kuntrattwali tieghu mas-socjeta intimata. Filwaqt li s-socjeta intimata diga hadmet fuq dan il-qabar fil-passat, l-intimata qatt ma kienet iltaqghet mar-rikorrenti Carmel Azzopardi qabel inqalghet din it-tilwima.*

Illi inoltre, s-socjeta intimata avvanzat diversi eccezzjonijiet ulterjuri li jirrigwardaw il-mertu, li mhux ser jigu riprodotti f'dan l-istadju, u dan sabiex tigi determinata l-eccezzjoni ta' natura preliminari sollevata mis-socjeta intimata.

Ra li entrambi l-partijiet ipproducew il-provi taghhom dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari, u awtorizzaw lit-Tribunal sabiex jaghddi ghas-sentenza rigward l-eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjeta intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi l-eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjeta intimata tirrigwarda lir-rikorrenti Carmel Azzopardi, li s-socjeta intimata ssostni li huwa estraneju minn kull rabta kuntrattwali bejniethom, ma ghandux interess guridiku f'din it-tilwima u ghalhekk ma ghandu l-ebda locus standi fil-proceduri.

Illi filwaqt li r-rikorrenti jsostnu li precedentement ghal ezekuzzjoni tax-xoghol, kellhom jigu kkuntatjati, r-rapprezentant tas-socjeta intimata Reuben Montebello jirrileva li huwa qatt ma inghata struzzjoni qabel ix-xoghol, kif ukoll li huwa sar jaf biss lir-rikorrent Carmel Azzopardi wara li nqalghet din it-tilwima.

Illi t-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili *Edrichton Estates Limited vs Munro Phillips and Company Limited (Deciza: 2/10/2003 Ref 878/2000 Onor. Imhalled Raymond C. Pace),* fejn gie trattat il-kuncett ta' interess guridiku. It-Tribunal qed jislet is-segwenti mis-sentenza citata:

> *L-interess guridiku jrid ikun reali u attwali u ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur u f'dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbuziv u llegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir.*
>
> *Ghal bosta snin il-Qrati taghna fissru li l-elementi mehtiega biex isawru interess ta' l-attur f'kawza huma tlieta, u jigifieri li l-interess irid ikun guridiku, li l-interess irid ikun dirett u personali u li dak l-interess ikun attwali. B' ta' l-ewwel, wiehed jifhem li dak l-interess ghandu jkollu mqar iz-zerriegha ta' l-ezistenza ta' jedd u l-htiega li tilqa' ghal kull attentat ta' ksur tieghu minn haddiehor. Dan l-interess m'hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f'valur ekonomiku.*
>
> *Minbarra dawn l-elementi, gie mfisser ukoll li biex wiehed ikollu interess li jiftah kawza, dak l-interess (jew ahjar, il-motiv) tat-talba ghandu jkun konkret u jezisti fil-konfront ta' dak li kontra tieghu t-talba ssir.*

Illi minn analizi tal-provi prodotti fl-atti ta' dawn il-proceduri, hija l-fehma kunsiderata tat-Tribunal li l-versjoni prodotta mis-socjeta intimata hija wahda aktar verosimili, partikolarment in vista tal-fatt li l-ordni saret minn Mary Azzopardi, u l-korrispondenza elettronika intbaghtet lil Aurora Azzopardi, bint r-rikorrenti Mary Azzopardi. Ir-rikorrenti Carmel Azzopardi ma jinkwadra imkien f'dawn id-diskussjonijiet.

Illi in vista tal-premess, it-Tribunal qieghed jilqa l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta intimata, u jiddikjara li r-rikorrenti Carmel Azzopardi ma ghandux locus standi f'dawn il-proceduri.

It-Tribunal jordna l-prosegwiment ta' dawn il-proceduri da parti tar-rikorrenti Mary Azzopardi.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjeta intimata fil-konfront ta' Carmel Azzopardi u jiddikjara li huwa ma ghandux locus standi f'dawn il-proceduri, filwaqt li jordna l-prosegwiment tal-proceduri da parti tar-rikorrenti Mary Azzopardi.

L-ispejjez ta' din il-procedura ghandhom jithallsu mir-rikorrenti Carmel Azzopardi.

C. Cherrett

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru